# Stqarrija Għall-Media

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 02/04/09 |
| **Ref:** | KDŻ 04/09 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita' li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

Stedina tal-Arċisqof għal Quddiesa nhar Jum iż-Żgħażagħ 2009

***Fikom hemm it-tama***

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-1986, kien iddedika l-Jum ta' Ħadd il-Palm liż-żgħażagħ. Nhar il-Hadd, 5 ta' April 2009, il-Knisja ser tkun qiegħda tiċċelebra l-**24 Jum Dinji taż-Żgħażagħ.** Hija xewqa ta' l-Arċisqof Pawl Cremona OP li f'dan il-jum issir laqgħa speċjali maż-żgħażagħ fid-Djoċesi tagħna. Iż-żgħażagħ huma fil-qalba tal-Pjan Pastorali Djoċesan u matul l-Episkopat tiegħu, l-Arċisqof Pawl Cremona OP dejjem fittex li jkun preżenti maż-żgħażagħ, u qrib tagħhom anke billi jgħix magħhom diversi esperjenzi, sbieħ, jew anqas sbieħ, fil-ħajja tagħhom.

Nhar Ħadd il-Palm Mons. Arċisqof ser jiċċelebra Jum iż-Żgħażagħ f'ċelebrazzjoni liturġika ġewwa Tas-Sliema u li għaliha huma mistiedna ż-żgħażagħ kollha Maltin. L-attività ser tibda fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (18:45) b'mixja max-xatt f'tas-Sliema mill-Knisja tan-Nazzarenu sal-bitħa ta' l-iskola St. Patrick's fejn ser issir quddiesa fis-sebgħa u nofs (19:30). Din iċ-ċelebrazzjoni hija parti mill-mixja li l-Knisja qiegħda tagħmel maż-żgħażagħ fuq it-tema magħżula mill-Papa Benedittu XVI għall-2009: "**It-tama tagħna hi f'Alla l-ħaj**" mill-ittra ta' San Pawl lil Timotju. Din l-attività hija ko-ordinata mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ). L-animazzjoni tal-liturġija hija ikkummissjonata liż-żgħażagħ ta' l-Oratorju Salesjan, Sliema.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jidħol fis-sit www.kdz.org.mt, jibgħat email fuq info@kdz.org.mt jew iċempel fuq 21484506.

TMIEM■■■■

flimkien
għas-servizz
taż-żgħażagħ